POSTAPAY&SAVE 01-2025 MT




# PostaPay&Save Payment Account

Faċli biex timmaniġġja l-fondi tiegħek.

www.postapayandsave.com

LOMBARD

malta post



# PostaPay&Save Payment Account

Għal dawk li jgħixu u jaħdmu Malta, il-**PostaPay&Save** Payment Account joffri mod affordabbli, konvenjenti u faċli biex wieħed jimmaniġġja l-fondi tiegħu.

Il-**PostaPay** Debit Card marbuta mal-kont **PostaPay&Save** tiegħek tippermettilek il-flessibilità li timmaniġġja l-ispejjeż ta' kuljum, mingħajr ħlas ta' kull xahar jew ħlas annwali.




# Benefiċċji

- Iddepożita/Iġbed il-fondi tiegħek fi kwalunkwe Uffiċċju tal-Posta, Fergħa tal-Lombard Bank u ATMs tal-Lombard.
- Tista' tirċievi l-paga tiegħek direttament fil-**PostaPay&Save** Payment Account.
- Il-**PostaPay Card** tista' tintuża madwar id-dinja kollha għal xiri fi ħwienet li jkollhom il-logo tal-Visa. Il-Kard hija appoġġjata minn 3D Secure, li jagħmel ix-xiri online faċli u sigur.
- Tista' wkoll tiġbed flus kontanti bil-PostaPay Card minn kwalunkwe ATM li jkollha l-logo tal-Visa.
- Għal kull tranżazzjoni ta' debitu li ssir permezz tal-**PostaPay Card**, tintbagħtlek notifika b'SMS bla ħlas.
- Il-Kont tal-Ħlas jista' jintuża biex tħallas kontijiet bħal dawk tad-dawl u tal-ilma, tat-telefonija, tal-internet u tat-televixin, u wkoll għal xiri minn Uffiċċji tal-Posta.
- L-ebda depożitu minimu mhu meħtieġ biex jinfetaħ u jinżamm il-**PostaPay&Save** Payment Account.



## PostaPay&Save Card oħra għall-membri tal-famlja tiegħek f'Malta u barra minn Malta

Tista' tiġi pprovduta kard oħra marbuta mal-**PostaPay&Save** Payment Account tiegħek jekk titlob dan. Il-kard l-oħra ser tinħareġ lil individwu nnominat minnek, li jista' ma jkunx qed jgħix f'Malta.

Wara li ssir diliġenza dovuta sodisfaċenti l-kard u l-PIN l-oħrajn ser jintbagħtu bil-posta separatament lid-detentur tal-kard l-oħra fl-indirizz speċifikat fil-formola ta' applikazzjoni. Int ser tiġi mgħarraf permezz ta' SMS dwar it-tranżazzjonijiet ta' debitu kollha li jsiru mid-detentur tal-kard l-oħra.

## Huwa Faċli biex tibda

Sempliċiment żur kwalunkwe Uffiċċju tal-Posta jew Fergħa tal-Lombard Bank u imla formola ta' applikazzjoni. Meta timliha ser ikollok bżonn tippreżenta d-dokumentazzjoni li ġejja:

- Dokument ta' identifikazzjoni mhux skadut li jikkonferma li int resident legalment f'Malta jew fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
- Kopja ta' kont tal-utilità riċenti jew kuntratt tal-kera jew simili f'ismek. (Dan mhux meħtieġ jekk l-indirizz ta' residenza korrett tiegħek jidher fuq id-dokument ta' identifikazzjoni.)
- Dokumentazzjoni li tivverifika d-depożiti mistennija tiegħek eż. dokumenti relatati mad-dħul tiegħek u/jew dettalji tal-impjieg.
- Tista' tintalab tissottometti dokumentazzjoni addizzjonali, skont il-każ.

3D SECURE SUPPORTED

CONTACTLESS

Il-formoli ta' applikazzjoni huma disponibbli wkoll fuq **www.postapayandsave.com**

*Patti u kundizzjonijiet japplikaw.*
*Dawn jistgħu jinkisbu minn kwalunkwe Fergħa Postali, Fergħa tal-Lombard Bank jew minn **www.postapayandsave.com***










# Ikkuntattjana

(+356) 2122 4421

postapay@maltapost.com

Posta**Pay&Save** huwa prodott maħruġ minn Lombard Bank Malta p.l.c.
Lombard Bank Malta p.l.c. huwa elenkat fil-Borża ta' Malta u huwa liċenzjat u rregolat mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala istituzzjoni ta' kreditu u bħala fornitur ta' servizzi ta' investiment.
Uffiċċju Reġistrat: 67, Republic Street, Valletta VLT 1117, Malta • Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Kumpanija: C 1607